MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2008

Talba Numru. 388/2008

**JJ Scerri Company Limited (C 19742)**

**vs**

**Ivan Zammit (ID 379768 M) u martu Lucienne Zammit (ID 349972 M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici tablet hlas ta' seba' mija u hamsa u ghoxrin Ewro (€725), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' *'washing machine',* liema *'washing machine'* giet ikkonsenjata lill-intimati fuq inkarigu taghhhom stess, b'qerq u b'ingann da parti ta` l-intimati ghad-danni tas-socjeta' attrici, liema prezz baqa' ma thallasx.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja tal-11 ta' April, 2008, kif ukoll bl-ispejjez ta` l-ittra ufficjali pprezentata fit-18 ta' April, 2008 u l-mandat ta' sekwestru pprezentat fl-istess data (nru 1137/08) kollox kontra l-intimati li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta ghalkemm debitament notifikati.

Ra li giet ipprezentata nota fl-atti, fit-8 ta' Lulju, 2008, fejn it-talba giet ammessa kif dedotta.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------